**QORTI CIVILI**
**PRIM AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 07 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 426/2022/1 AF**

**Medhat Nashed, detentur tal-Passaport tal-Egittu Numru A08119107**

**vs**

**L-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali**

**u**

**l-Avukat tal-Istat**

**u**

**l-Ufficcjali Principali tal-Immigrazzjoni**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Medhat Nashed, li permezz tieghu, gharragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet tordna s-sospensjoni tal-Ordni tal-Hrug datat 6 ta' April 2022 pendenti proceduri quddiem din il-Qorti ezercitanti l-mansjonijiet Kostituzzjonali taghha.

Rat id-digiret precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat illi t-talba odjerna saret fil-kuntest ta' proceduri kostituzzjonali mnedija mir-rikorrenti u li fihom qed tintalab dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' jeddijiet fondamentali fit-thaddim tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Art. 23 tal-istess Att.

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' talba ghal rimedju provizorju hija ben nota u ttendi li ssegwi l-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem b'dana illi r-rimedju provizorju jinghata biss f'cirkostanzi estremi.

Madanakollu din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tiskarta d-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri ta' Mariama Ngady Parsons (1 ta' Marzu 2022), liema decizjoni ddikjarat illi l-imsemmi Art. 23 tal-Kap. 420 huwa fil-fatt leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti sanciti bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tinnota illi d-decizjoni succitata tinsab pendenti ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk tqis ghaqli u gust f'dan l-istadju li tilqa' t-talba odjerna tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Medhat Nashed kontenuta fir-rikors tieghu tas-16 ta' Awwissu

2022 u tordna s-sospensjoni tal-Ordni tal-Hrug tas-6 ta' April 2022 mahrug fil-konfront tieghu.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF